# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa
# Ta' Marija, Burmarrad

**50 Sena Konsagrazzjoni**
**Tal-Knisja Parrokkjali**
**1964-2014**



*LEĦEN IL-PARROĊĊA - Jannar 2014 - Nru. 372*



# *Il-Kelma tal-Kappillan*

Għall-grazzja t'Alla qed nagħtu bidu għal sena oħra, sena fejn bħala Parroċċa ser infakkru l-50 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja tagħna, li kienet saret nhar it-30 ta' Mejju 1964 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Kienu 50 sena ta' ħidma f'dan ir-raħal tagħna, minn tant saċerdoti u reliġjużi li ħadmu bla heda għall-ġid ta' kulħadd. U għalhekk tkun ħaġa xierqa li ngħidu Grazzi lil Alla ta' tant grazzji li kull wieħed u waħda minna kiseb bil-għajnuna Tiegħu u ta' Ommu Marija.

Grazzi wkoll lil Alla li għalkemm raħar żgħir, il-vokazzjonijiet saċerdotali u anke reliġjużi ma naqsux. Dan hu mertu tal-familji li b'tant għożża u mħabba rawmu f'uliedhom il-fidi u għenuhom jaslu. Dan ngħiduh ukoll għal tant żwiġijiet li saru f'dawn is-snin, u j'Alla jkomplu jgħożżu l-valuri u l-morali taż-żwieġ kif iridu Alla.

Xieraq mela li dan l-avveniment ngħixuh bħala Komunita' Parrokkjali magħqudin ma' Ġesu' Ewkaristija billi nattendu għall-Adorazzjoni Ewkaristika li ssir kull nhar ta' Ħamis wara l-quddiesa ta' fil-għaxija. Tajjeb ukoll li niftakru li kull nhar ta' Tlieta bejn id-9.00am u nofs in-nhar Ġesu' jkun preżenti fiċ-Ċentru Parrokkjali.

S'intendi matul din is-sena ser tittieħed l-inizjattiva biex dawk il-morda u l-anzjani li ma joħorġux minn djarhom issirilhom Quddiesa fid-dar tagħhom. 'Il quddiem jitħabbru laqgħat ta' għajnuna spiritwali sabiex inkomplu nikbru spiritwalment.

Nawgura sena mimlija risq u barka f'ismi u f'isem il-Komunita' Reliġjuża.

Tkunu mberkin!

P Joseph Mamo ofm Conv.

# Meta t-Tolleranza ssir alla

Ftit snin ilu deher cartoon fuq gazzetta. Fi knisja mimlija nies, kollha attenti u kwieti, il-predikatur spiċċa l-omelija u qal lin-nies: 'Biex nagħtu vuċi u ħin lil kulħadd, u biex inħalli lil sieħbi li stedintu hawnhekk biex jagħtikom opinjoni oħra għal dik li għadkom kif smajtu, nistiednu issa jitla' ħalli jitkellem'. Maġenbu kien hemm ix-xitan, liebes pulit bin-noti f'idejh, lest biex jgħid tiegħu.

Din hija s-soċjeta' li qegħdin ngħixu fiha llum. Hija soċjeta' li nsejħulha 'inklussiva', jiġifieri li taċċetta kollox u lil kulħadd. Hija soċjeta' li ttambar il-ħin kollu li rridu nkunu tolleranti, aċċetta kollox, niċċelebraw id-diversita', u ma nibżgħux minn dak li hu ġdid u differenti. U hawn qegħdha n-nassa…. – hemm differenza kbira bejn li taċċetta affarijiet differenti u mhux tassoltu, u li taċċetta dak li hu fih innifsu ħażin. Imma miskina s-soċjeta' tagħna llum m'għadhiex kapaċi tagħmel din id-distinzjoni.



Li tittollera u taċċetta l-ħażin imur kontra l-Imħabba tal-Vanġelu. Min vera jħobb lil uliedu, meta jarahom se joqorbu biex jmissu l-elettriku, iwissihom u jwissihom u jekk hemm bżonn jaħtafhom minn ħalq il-periklu…ma joqgħodx trankwill jittollerahom u jħallihom hemm. Għax jaf li se jbatu ħafna, jew imutu. Li tħobb ifisser li tixtieq l-aqwa ġid tal-oħrajn. Li tħobb ifisser li ma taċċettax il-ħażin u ċerti forom ta' ħajja, għemil u ħsieb. Meta t-tolleranza ssir alla….nidħlu f'periklu ġdid…li nibdew naraw lix-xitan innifsu bħala qaddis u sabiħ.

# ĦAJJA U ĦIDMA – Jannar 2014

**L-Erbgħa 1 L-Ewwel Jum tas-Sena 2014**
Jum il-Paċi. Solennita' ta' Marija Omm Alla. Il-Quddies kollu jkun bħal tal-Ħdud.

**Il-Ġimgħa 3 L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'.

**Is-Sibt 4 L-Ewwel Sibt tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. Fil-5.15pm tibda l-Adorazzjoni fil-Knisja. Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija.

**Il-Ħadd 5 Solennita' tal-Epifanija tal-Mulej.**

**It-Tlieta 7** Fl-4.30pm – Tibda d-Duttrina għat-tfal.
Bejn is-2.30pm u l-5.30pm ser issir tombla fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Il-Ħadd 12 Solennita' tal-Magħmudija tal-Mulej**.
Fl-10.30am Laqgħa tal-Gruppi Familji Nsara fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**It-Tlieta 14** Fl-4.30pm – Laqgħa għall-ġenituri mill-Aġenzija Appoġġ dwar l-użu tal-Internet fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Is-Sibt 18** Fis-6.15pm – Konċelebrazzjoni mill-Komunita' tagħna fl-okkażjoni tal-43 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa.
Il-Ħsieb tal-Quddiesa ser jagħmlu d-Djaknu P.Christian Borg ofm.Conv. Janimaw il-Kant il-Kor Parrokkjali 'Ħlewwa ta' Marija'.

**Il-Ħadd 19** Jum l-Emigranti u r-Refuġjati.

**It-Tlieta 21** Fil-5.15pm issir l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Il-Ħamis 23** Fl-4.30pm – Laqgħa għall-ġenituri mill-Aġenzija Appoġġ dwar l-użu tal-Internet fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Il-Ġimgħa 24,** Jiem ta' Kwaranturi fil-Parroċċa, Minn wara l-
**Is-Sibt 25,** quddiesa tas-6.15am, Ġesu' jkun espost għall-
**Il-Ħadd 26** Adorazzjoni tagħna l-ġurnata kollha.
Fil-5.40pm – Jibda r-Rużarju u tingħata l-Barka Sagramentali.
Fis-6.15pm – Quddiesa bil-ħsieb mid-Djaknu P.Joseph Formosa ofm.Conv. Il-Kant jitmexxa mill-Kor Parrokkjali Ħlewwa ta' Marija.

**Il-Ħadd 26** Illum jaħbat l-Anniversarju tal-Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Arċisqof Pawlu Cremona OP. Nitolbu għalih.

- Jum il-Lebbrużi. Nitolbu għalihom u għal kull min jieħu ħsiebhom.
- Dan il-weekend issir il-ġabra b'risq il-Parroċċa tagħna. Grazzi tal-ġenerosita' tagħkom.

**It-Tlieta 28** Fil- 5.30pm sas-7.30pm fiċ-Ċentru Parrokkjali ssir laqgħa dwar First Aid, l-Ewwel Għajnuna, organizzata minn Elaine Attard tal-FSWS tal-Aġenzija Appoġġ. Kulħadd jista' jattendi.

**L-Erbgħa 29** Wara l-quddiesa ssir il-Lectio Divina fil-Knisja. Inħeġġu għal aktar attendenza.

*Nawguraw lill-Familji kollha*
*tal-Parroċċa tagħna*
*Sena Ġdida mimlija*
*risq u barka mis-sema.*
*Awguri.*

# KWARANTURI FIL-PARROĊĊA

## Il-Ġimgħa 24, is-Sibt 25 u l-Ħadd 26



# Sibu ċans u ejjew aduraw lil Ġesu' fl-Ewkaristija.

# Qed jistenniekom!

# Application form

## Basic First Aid Awareness session

28th January 2014 at St Anthony Burmarrad Parish Centre

**Name & Surname**_______________________________

**Address**__________________________________________

__________________________________________________

**Contact Number** _____________________________

**Email address** __________________________________

Would you like to be contacted with information regarding future activities held by Qawra Community Service?

Yes □ No □

__________________________________________________

Please submit this application form at:

**Agenzija Appogg – Qawra Community Service,**

**Qawra Access Centre,**

**Triq il-Frejgatina, Qawra.**

Please call on 22697117 or email on qcs.appogg@gov.mt for more Information.

# Tajjeb Tkun Taf

- Prosit u grazzi lil kulħadd tal-organizzazzjoni li saret minn kull aspett fiż-żmien tal-Avvent u n-Novena u ż-żmien tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Grazzi wkoll tal-oġġetti tal-Ikel li nġabru għall-Familji fil-bżonn u t-tfal ta' Fra Diegu. Grazzi wkoll lil dawk li taw id-donazzjoni tagħhom b'risq il-Parroċċa.

- F'isem P.Ġorġ Ocar Buttiġieġ ofm.Conv., membru tal-Komunita' tagħna, grazzi tas-sapport u l-attendenza u l-għajnuna li tajtuh meta ġiet imnehdija s-CD ta' Ħelu Bambin li saret fl-Istitut Kattoliku nhar it-Tlieta 10 ta' Diċembru.

- Bejn it-18 u l-25 ta' Jannar hija l-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda tal-Insara.

- Il-Ġimgħa 30 ta' Mejju 2014 - Il-50 SENA tal-Konsagrazzjoni tal-Parroċċa tagħna. Dak in-nhar fil-għaxija ssir Quddiesa Solenni mmexxija mill-Arċisqof ta' Malta u fil-Preżenza wkoll tal-għola Awtoritjiet Civili tal-Pajjiż. Il-preżenza ta' kulħadd hija mportanti u anke ta' inkoraġġiment fil-ħidma Parrokkjali tagħna, u biex bħala poplu ta' din il-Parroċċa ddedikata lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija nirringrazzjaw lil Alla flimkien ta' dan it-Tempju li missirijietna bnew fir-raħal tagħna. Tinsewx!

Tel: 21573045/ Fax:21578118 Mobile: 77622275

www. parroċċaburmarrad.com email:kappillan@parroccaburmarrad.com